ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

**IL-LIVELLI 5-6-7-8**

**L-EWWEL SENA　　L-ISTUDJI SOĊJALI　　IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** __________

**Din il-karta tal-eżami fiha SEBA' Taqsimiet (A, B, C, D, E, F u G). Wieġeb it-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki jidhru bejn il-parentesi jew fl-aħħar ta' kull taqsima.**

**Taqsima A: Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| il-fabbriki | il-materja prima | individwu | il-mexxej | il-kunsill tal-istudenti |
| għaqda volontarja | paċi | il-konsumatur | soċjalizzazzjoni | servizz |

1. L-istorja tgħallimna li l-______________________ fil-pajjiżi tad-dinja mhux dejjem inżammet u dan wassal biex mietu ħafna nies.
2. ______________________ għandna bżonnha biex nipproduċu l-prodotti.
3. ______________________ huwa dak li jixtri prodotti maħduma jew imkabbra.
4. It-tabib u l-pulizija jagħtuna ______________________.
5. ______________________ jitla' permezz ta' elezzjoni minn fost l-istudenti.
6. Waqt il-proċess ta'______________________ kull persuna tiżviluppa l-qafas ta' mġiba soċjali.
7. ______________________ ta' grupp għandu jservi bħala mudell ta' mġiba tajba għall-membri l-oħra.
8. ______________________ jipproduċu l-prodotti li aħna jkollna bżonn.
9. ______________________ hija waħda li tagħti servizz volontarju lill-oħrajn.
10. Jiena ______________________, u għalhekk jien uniku u differenti mill-oħrajn.

**(marka x 10 = 10 marki)**

**Taqsima B: Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B, billi tikteb in-numru fl-ispazju vojt bħal fl-eżempju numru 1.**

| KOLONNA A | NUMRU | KOLONNA B |
|---|---|---|
| 1. F'demokrazija | | iridu jkunu konxji tal-iskart li jiġġeneraw. |
| 2. Kull prodott | | kull ċittadin għandu vot wieħed biss. |
| 3. Ir-rispett lejn xulxin | | proċess li bih tnejn min-nies jew aktar jistgħu jinfluwenzaw lil xulxin. |
| 4. L-ugwaljanza | | nifhmu li kulħadd huwa uniku u għalhekk għandna naċċettaw lill-persuna kif inhi. |
| 5. Interazzjoni soċjali hija | | jista' jwassal għall-kunflitti fil-grupp. |
| 6. Ċittadin Malti | | jgħaddi mill-proċess ta' produzzjoni u distribuzzjoni qabel jasal għand il-konsumatur. |
| 7. L-egoiżmu | | jgħin biex napprezzaw l-opinjonijiet u l-ideat ta' xulxin. |
| 8. F'elezzjoni ġenerali | | bejn is-sessi tfisser li l-irġiel u n-nisa għandhom l-istess drittijiet u dmirijiet. |
| 9. Permezz tad-diversità | | huwa dak tal-edukazzjoni. |
| 10. Wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem | **1** | it-tolleranza bejn nies ta' opinjonijiet differenti hija importanti. |
| 11. Konsumaturi responsabbli | | huwa wkoll ċittadin Ewropew. |

**(marka x 10 = 10 marki)**

**Taqsima C: Agħżel billi timmarka t-tweġiba t-tajba.**

1. **It-tagħlim tal-iskola għandu jgħinna biex**
   a) ngħaddu mill-eżamijiet biss
   b) inkunu ċittadini responsabbli
   c) ngħaddu ftit tal-ħin u niltaqgħu ma' sħabna.

2. **Kull bniedem għandu bżonn jgħix**
   a) għalih waħdu
   b) mal-annimali
   c) fi grupp soċjali.

3. **Ġeneru jfisser**
   a) l-istat tal-persuna
   b) il-mentalità ta' ċertu nies
   c) ir-rwol li tagħti s-soċjetà lin-nisa u l-irġiel.

4. **Soċjetà hija magħmula minn gruppi ta'**
   a) bnedmin differenti
   b) persuni altruwisti
   c) nies tal-istess età.

5. **Ir-rispett huwa**
   a) rwol
   b) valur
   c) l-għajnuna li nagħtu lill-oħrajn.

6. **Komunità lokali hija**
   a) il-belt jew raħal fejn toqgħod
   b) iċ-ċentru taż-żgħażagħ
   c) ħanut fir-raħal tiegħek.

7. **Il-konsum ta' prodott jgħinna**
   a) nagħrfu li dan jista' jħalli impatt pożittiv fuq l-ambjent
   b) nonfqu inqas
   c) nissodisfaw il-ħtiġijiet tagħna.

8. **L-ewwel pajjiż li ħaddan id-demokrazija kien**
   a) l-Amerika
   b) il-Greċja
   c) il-Ġappun.

9. **Prodotti ta' ħtieġa huma dawk li**
   a) ġeneralment nirċievu bħala rigali
   b) tista' tgħaddi mingħajrhom
   c) tabilħaqq ikollok bżonn.

10. **Fi grupp, il-membri kollha għandhom**
   a) jagħtu sehemhom
   b) jaraw x'se jiggwadanjaw
   c) jaqsmu biss il-problemi personali tagħhom.

**(marka x 10 = 10 marki)**

**Taqsima D: Agħżel jekk hux VERU jew FALZ billi taqta' sing taħtha u wara għid għaliex.**

1. Ir-reklami jgħinuna biex nixtru dak li għandna bżonn biss. **VERU/FALZ**
   **Għaliex?**

   ______________________________________________________________

2. Il-ġenerożità u l-onestà huma żewġ valuri importanti fil-bniedem. **VERU/FALZ**
   **Għaliex?**

   ______________________________________________________________

3. Il-pajjiżi kollha huma differenti u uniċi. **VERU/FALZ**
   **Għaliex?**

   ______________________________________________________________

4. Ix-xogħol tad-dar għandu jsir biss min-nisa. **VERU/FALZ**
   **Għaliex?**

   ______________________________________________________________

5. Persuna bil-għaqal ma tonfoqx kulma jkollha, iżda ġġemma’ għal li jista’ jinqala’.
**Għaliex?** **VERU/FALZ**

______________________________________________________________________

**(2 marki x 5 = 10 marki)**

**Taqsima E: Aqra dawn is-sitwazzjonijiet sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarhom.**

1. Dan l-aħħar fl-iskola tiegħek twaħħlet kaxxa għas-suġġerimenti. Taħseb li b’din il-kaxxa għandek aktar ċans tesprimi ruħek u b’hekk l-iskola tkun aktar demokratika?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

2. Xi ftit ilu familja ta’ razza differenti ġiet toqgħod ħdejkom. Din għandha żewġt itfal tamparek. Il-ġenituri tiegħek qalulek biex ma tkellimhomx. Kieku xi tkun ir-reazzjoni tiegħek?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

3. Wieħed minn sħabek tal-iskola għamel ġimgħa marid u tilef ħafna lezzjonijiet. Bħala ħabib tiegħu x’kont tagħmel biex tgħinu jikseb ix-xogħol li tilef?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

4. Ħabiba tiegħek li tgħix fl-istess raħal tiegħek saret taf li għaqda sportiva qed tagħti l-opportunità lin-nies tal-lokal biex jissieħbu magħha u jipprattikaw xi forma ta’ sport. Iżda saret taf ukoll li din l-għaqda taċċetta biss ġuvintur u rġiel. Kieku kont minflok din il-ħabiba, x’kont tagħmel?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

5. F'soċjetà demokratika bħal dik Maltija d-dritt tal-vot huwa importanti ħafna. Int membru ta' każin tal-banda. Għandu jintgħażel kumitat ġdid permezz ta' elezzjoni. Iżda, il-President għażel grupp ta' persuni għall-kumitat il-ġdid. Kieku inti x'kont tagħmel f'din is-sitwazzjoni?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

**(20 marka)**

**Taqsima F: Aqra s-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

Jiena jisimni Gamila Diarra, tifla ta' tlettax-il sena mill-Mali li ngħix fil-Kosta tal-Ivorju. Biex spiċċajt hawnhekk ġejt mibjugħa ma' grupp ta' tfal oħra lil wieħed sinjur biex iħaddimna. Bħali, hawn aktar minn 600,000 tifel u tifla li naħdmu f'kundizzjonijiet ħżiena fl-għelieqi tal-kawkaw ta' dan ir-reġjun. 70% tal-kawkaw li tipproduċi d-dinja ġej mill-Kosta tal-Ivorju, fl-Afrika. B'xi mod it-tfal jiġu involuti fil-produzzjoni taċ-ċikkulata li tiġi kkunsmata madwar id-dinja.

Għalkemm jiena unika u għandi l-identità tiegħi, din hija kollha fit-teorija għaliex għalija r-realtà hija differenti ħafna. Min imexxi dan il-pajjiż ma jirrispettax id-drittijiet taċ-ċittadini tiegħu u min ma jaqbilx miegħu jispiċċa ħażin. Kemm nixtieq li kont bħalek immur l-iskola, niġi rrispettata u jkun hemm min jixtrili dak li jkolli bżonn u, xi kultant, dak li nixtieq!

**Mistoqsijiet**

1. X'suppost qed tagħmel din it-tifla minflok taħdem?

______________________________________________________________________ (1)

2. Gamila qed tgawdi l-familja tagħha jew qed tgħix ma' grupp ta' tfal oħra? Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

3. Taħseb li fir-reġjun fejn tgħix Gamila teżisti d-demokrazija? Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

4. Xi trid tfisser din it-tifla meta qalet li hi suppost għandha identità?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

5. Gamila tixtieq ħafna li jkollha min jixtrilha dak li jkollha bżonn u kultant dak li tixtieq. Kif għandna nkunu konxji tal-ambjent meta nixtru dak li għandna bżonn u dak li nixtiequ?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

6. Semmi **ERBA’** drittijiet fundamentali tal-bniedem.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

7. X’inhu l-**proċess tal-produzzjoni**? Spjega fid-dettall dan il-proċess u kif il-prodott finali jasal għand il-konsumatur.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

8. X’nistgħu nagħmlu minn pajjiżna biex ngħinu lil din it-tifla u tfal oħra bħalha?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

**(20 marka)**

**Taqsima G: Agħżel WAĦDA mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 120-150 kelma dwarha.**

1. *Id-drittijiet u d-dmirijiet tal-bniedem huma dawk li aħna naqsmu mal-oħrajn fis-soċjetà*. Iddiskuti dan b’referenza għall-pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw.

2. *In-nies ta’ madwarna, speċjalment il-ħbieb tagħna, jistgħu jgħinuna jew ifixkluna*. Iddiskuti.

3. *Min jaf kemm drabi tiġini x-xewqa li nixtri xi ħaġa li ngħaddi mingħajrha iżda xorta nkun nixtieqha*. Spjega x’għandi nagħmel biex nilħaq bilanċ bejn dak li għandi bżonn u dak li rrid.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(20 marka)**